Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 8/2014AE

**Alicia Borg**

**vs**

**Maltapost p.l.c. (C 22796)**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Ir-rikorrenti Alicia Borg ressqet kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fejn ippremettiet li hija utilizzat is-servizz ta' Maltapost p.l.c. sabiex tirritorna telefon cellulari li xtrat minn Franza biex tiehu kumpens lura tieghu peress li ma kienx tajjeb ghall-uzu f'Malta. Staqsiet dwar liema kienet il-procedura idonea sabiex hija sserrah rasha illi t-telefon jasal fid-destinazzjoni ahharija u r-risposta kienet li hija ghandha tirregistrah biex b'hekk hija tkun tista' ssegwi fejn ikun wasal. Hi mxiet fuq dan il-parir moghti mis-socjeta' ntimata, irregistratu u baqghet ticcekja kuljum biex tara fejn qieghed. Sa tlett gimghat wara dan baqa' juri "dispatched from Qormi." Minhabba l-fatt li r-rikorrenti kellha zmien stipulat ghar-ritorn tal-oggett lill-bejjiegh, hi cemplet diversi drabi lis-socjeta' ntimata li min-naha taghha nfurmata biex tistenna ftit iehor. It-telefon baqa' ma wasalx ghand id-destinatarju u l-bejjiegh ghalaq il-kwistjoni minghajr ma taha rifuzjoni tal-prezz. Meta marret il-Maltapost p.l.c. qalulha biex taghmel ilment formali biex jinvestigaw. Nonostante diversi skambji ta' emails bejn il-partijiet li ma hallew ebda rizultat, u wara anke li r-rikorrenti ressqet ilment mal-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, wara sitt xhur ir-rikorrenti hadet risposta minghand is-socjeta' ntimata fejn irceviet *Credit Note* ta' Eur34.14 (spejjez tal-posta). Ir-rikorrenti pero' nsistiet li hija kien haqqha tiehu minghand is-socjeta' ntimata is-somma ta' €370 li tirraprezenta l-valur tat-telefon li qatt ma wasal ghand id-destinatarju.

Fir-risposta taghha s-socjeta' ntimata ressqet diversi eccezzjonijiet fosthom li: (i) a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta l-operatur postali m'ghandu jinkombi ebda responsabbilta' ghal kumpens minhabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil, xi oggett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta; (ii) fi kwalunkwe kaz is-socjeta' ntimata m'hijiex tenuta tikkumpensa jew tindennizza lir-rikorrenti ghat-telf taghha; (iii) l-attrici qatt ma talbet ghal servizz li jindennizzaha minhabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil oggett mibghut minnha bil-posta registrata; (iv) l-oggett postali mibghut mir-rikorrenti intbaghat mis-socjeta' ntimata b'posta registrata fil-pajjiz indikat, liema oggett postali fil-fatt wasal f'dak il-pajjiz u hemm gie kkonsenjat lill-operatur postali Franciz.

B'sentenza tal-20 ta' April 2014 it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ordna lis-socjeta' ntimata thallasha s-somma ta' €366.63 bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ntimata. Dan wara li kkunsidra li:-

i. Meta r-rikorrenti rrikorriet ghall-gwida tas-socjeta' ntimata sabiex taccerta ruhha li l-pakkett li kienet ser tibghat Franza kien ser jasal, l-impjegata tal-istess socjeta' qaltilha sabiex tirregistra l-pakkett pero' ma jidhirx li qaltilha li f'kaz ta' nuqqas ta' konsenja, r-rikorrenti ma kinitx tkun intitolata tiehu l-valur tal-oggett mibghut;
ii. Anke xi dokumenti esibiti mis-socjeta' ntimata stess jaghtu l-impressjoni generali li jekk persuna ghandha oggett ta' valur, din ghandha sserrah rasha jekk tirregistrah;
iii. Ghalkemm huwa koncess li f'wiehed minn dawn id-dokumenti hemm indikat illi hlief ghal "*EMS items, compensation awarded does not cover the cost of contents of any item, and is only meant to compensate for inconvenience*", din l-eskluzjoni ma nghatatx il-prominenza dovuta.

Is-socjeta' ntimata appellat mid-decizjoni tat-Tribunal u r-rikorrenti wiegbet.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2015, dehret l-appellata u d-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kaz u dan thalla ghas-sentenza.

**<u>L-ewwel aggravju</u>.**

Is-socjeta' appellanti tilmenta li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi llikwida kumpens a favur tar-rikorrenti appellata meta ma kellu l-ebda gurisdizzjoni biex jaghmel dan, in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254). Din id-disposizzjoni tipprovdi:-

*"L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda responsabbiltà għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil,* ***xi oġġett postali*** *fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta, sakemm dak il-kumpens –*

*(a) ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent; jew*
*(b) ikun ġie stabbilit b'regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett:*

*Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbiltà minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni.*

L-Artikolu 29 m'ghandu x'jaqsam xejn ma' gurisdizzjoni tat-Tribunal. L-appellanti ssollevat din

l-eccezzjoni peress li taf li minhabba l-ammont tal-kwistjoni (tlett mija u sebghin ewro [€370]), id-dritt ta' appell hu limitat (ara Artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378).

Il-kompetenza tat-Tribunal hi determinata mill-provvedimenti tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u mhux l-Artikolu 29 li hi disposizzjoni ta' natura sostantiva.

**It-Tieni Aggravju.**

L-appellanti bdiet biex tispjega dan l-aggravju b'dan il-mod:

*"Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-aggravju li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' skond il-ligi, l-istess socjeta esponenti tissottometti illi minn qari tas-sentenza hawn appellata jidher lampanti li t-Tribunal ma osservax id-dettami stabbilit mill-principles of natural justice ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dover tal-gudikant li ma jkollu l-ebda bias a favur jew kontra ta' xi wiehed mill-partijiet fil-kawza"* (fol. 3).

L-Artikolu 22(2) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) jipprovdi:-

*"Appell jista' jsir fil-każijiet li ġejjin:*

1. *(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*
2. *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*
3. *(c) jew meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

Hawn ukoll l-appellanti qeghda tipprova tohloq bazi ta' appell meta taf li skond l-Artikolu 22 ma jezistix. Il-partijiet inghataw opportunita' li jressqu l-provi li riedu. Din il-qorti ta' revizjoni m'ghandhiex jedd li tistharreg l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal, gialadarba d-dritt ta' appell hu limitat ghat-tlett kazijiet fuq imsemmija minhabba l-ammont in kwistjoni fil-kaz in ezami. M'ghandux ikun li l-appellanti tipprova tohloq bazi ta' appell li jwassal ghal stharrig tal-apprezzament tal-provi, billi targumenta li t-Tribunal kien *biased*. It-Tribunal ikkunsidra l-provi li ressqu l-partijiet u ghazel li jemmen il-verzjoni tal-attrici. M'hemmx prova li l-gudikatur kellu xi nteress personali fil-kwistjoni jew li fil-kors tas-smiegh tal-kawza agixxa b'mod li juri li kellu *bias* kontra s-socjeta appellanti.

F'kull kaz, il-qorti tibda biex tosserva li f'partijiet sostanzjali tieghu dan l-ilment huwa prattikament ripetizzjoni ta' aggravji identici mressqa mill-Maltapost p.l.c. quddiem din il-qorti fi proceduri b'mertu simili[1]. Il-Qorti rat l-atti u l-mod kif tmexxew mit-Tribunal u tqis li:-

i. 'Il fatt li t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici kienet kredibbli u verosimili anke fin-nuqqas ta' provi konkreti min-naha tas-socjeta'

[1] Ara **David Mifsud et vs Maltapost p.l.c**. deciza fit-30 ta' Mejju 2014 (Appell Numru 12/2012) u **Anna Maria Degiorgio vs Maltapost plc** deciza fis-16 ta' Dicembru 2014 (Appell Numru 1/2012).

ntimata, b'ebda mod ma tista' titqies bhala riflessjoni ta' *bias* da parti tat-Tribunal. Meta t-Tribunal ghamel riferenza ghan-nuqqas ta' *"...provi konkreti kuntrarji da parti tas-socjeta konvenuta"*, hawn kien qieghed jirreferi ghad-deposizzjoni tal-attrici[2]. Dan b'mod partikolari ghal dak li nghad lilha mill-ufficjal tas-socjeta appellanti meta marret il-posta sabiex tibghat it-telefon barra minn Malta. It-Tribunal kellu kull dritt jemmen dak li qalet l-attrici.

M'huwiex minnu li t-Tribunal strah unikament fuq decizjoni ohra "analoga" biex wasal ghad-decizjoni. Li evidentement hemm hafna similaritajiet bejn il-kaz odjern u l-kaz **Anna Maria Degiorgio vs Maltapost p.l.c.** hu fatt. Ghall-qorti hu evidenti li t-Tribunal ghamel riferenza ghal dik is-sentenza ghaliex fil-fehma tieghu kien japplika l-istess principju, fis-sens li minkejja dak li jipprovdi l-Artikolu 29 tal-Kap. 254 is-socjeta appellanti xorta setghet tinstab responsabbli ghad-dannu li jsofri terz minhabba t-taghrif jew nuqqas ta' taghrif meta persuna tigi biex tibghat oggett bil-posta barra minn Malta. B'daqshekk ma jfissirx li l-gudikatur kien *biased*.

ii. Kull parti nghatat l-opportunita' li tressaq il-provi, u hekk sar. Ma jirrizultax li waqt il-process quddiem it-Tribunal xi parti irregistrat ilment f'dan ir-rigward.

Is-socjeta' appellanti ippruvat tissostanzja l-argument taghha billi lmentat li t-Tribunal ma tax il-piz misthoqq lill-prova li:-

(a) ghamlet dak kollu li kienet obbligata li taghmel;
(b) in-nuqqas ta' kunsinna kien attribwibbli lill-operatur postali Franciz;
(c) il-kuntratt ta' garr kien jeskludi ndennizz f'kaz ta' telf tal-oggett;

F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal xi provi u xhieda li fil-fehma taghhom gew ingustament skartati mit-Tribunal. Fattur li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li fir-realta' l-ezercizzju li l-appellanti qeghda tistieden lil din il-qorti taghmel hu apprezzament tal-provi mill-gdid. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn ma' aggravju ta' *bias*.

Minhabba l-ammont in kwistjoni, l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal hu finali. L-istess fir-rigward tar-ragunament li wasslu biex jikkonkludi li s-socjeta appellanti hi responsabbli ghaliex ma nfurmatx lill-appellata li f'kaz li l-oggett ma jigix konsenjat, ma kinitx intitolata tiehu l-valur tal-oggett registrat. F'kull kaz il-qorti hi tal-fehma li ghandha tikkummenta dwar l-argument tas-socjeta' appellanti li t-Tribunal kien imissu ta piz lil ircevuta li nghatat lir-rikorrenti fejn kien hemm elenkat il-kundizzjonijiet tal-garr u li minnha kellha tinduna li kumpens ghall-valur tal-oggett jew kwalsiasi telf konsegwenzjali ma kienx kopert. Hu minnu li fis-sentenza dan id-dokument ma ssemmiex. Pero' xorta l-ilment ma jreggix meta tqies li l-ircevuta in kwistjoni nghatat lir-rikorrenti <u>**wara**</u> li hija kienet diga' accettat u hallset

---

[2] Seduta tal-11 ta' Lulju 2011.

biex tibghat l-oggett b'posta registata. L-appellata qalet li ma kinitx qrat id-dokument. Pero' l-qorti ma tara l-ebda nuqqas f'tali fatt. Dak id-dokument kien biss ricevuta. Informazzjoni bhal dik kellha tinghata lill-konsumatur qabel u mhux wara li jigi konkluz il-kuntratt. Il-qorti tqies li kundizzjoni essenzjali bhal dik m'ghandhiex tkun mohbija f'ricevuta. Dan m'huwiex gust fuq il-konsumatur.

Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi michud ukoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti. Peress li tqies li l-appell hu frivolu tikkundanna lis-socjeta appellanti thallas penali ta' erba' mitt ewro (€400)[3], ammont li r-Registratur ghandu jiehu hsieb li jigi mhallas mis-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul

[3] Artikolu 22(5) tal-Kap. 378.